TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

CCT/142/11/S

Simon u Cynthia Abela
Vs
Mary Josephine Musu' ezercenti l-kummerc bhala Channel Trade Marketing

Illum 5 t'Ottubru,2012.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Simon Abela datata 9 ta'Marzu,2011 u r-risposta ta' Mary Josephine Musu' ezercenti l-kummerc bhala Channel Trade Marketing ipprezentata fis-26 t'April,2011;

Ra d-dokumenti pprezentati inkluz ir-rapport tal-espert tekniku Vincent E.Ciliberti, sema' lill-partijiet u t-trattazzjoni taghhom maghmula fid-19 ta'Gunju,2012;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda ilment dwar zew saqqijiet li wara sentejn, zviluppaw hotba fuq il-genb taghhom;

Illi jinghad mal-ewwel li l-ilment sar fi zmien sentejn mix-xiri tal-prodotti u ghalhekk irid jigi stabbilit jekk kienx hemm nuqqas ta' konformita skont il-ligi;

Illi billi l-ilment sar wara li ghaddew is-6 xhur minn meta inxtraw il-prodotti, il-prova ta' nuqqas ta' konformita trid issir mill-atturi u dan skont l-artiklu 78 tal-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta;

Illi r-rapport tal-espert tekniku jikkonferma li ma kienx hemm nuqqas ta' konformita;

Illi inoltre dan, il-qisien tas-saqqijiet kienu jidhru fuq l-'order form/invoice' u li din giet maqbula mill-attrici billi ffirmataha;

Illi l-espert tekniku kkunsidra li s-sodod ma kinux attrezzati bil-gnieb u ghalhekk fl-opinjoni tieghu, is-saqqijiet setghu jaghmlu movimenti laterali bil-konsegwenza li *"s-saqqijiet jiddeformaw irwiehom"*;

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 - MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070 FAX: (+356) 21239888

Illi bhala konkluzjoni l-espert tekniku spjega li *"r-rikorrenti kien messhom accertaw irwiehom mill-qisien tas-saqqijiet ordnati, b'dan illi kienu jindunaw illi s-saqqijiet mixtrija ma kienux konformi mal-qisien tas-sodod li ghalihom gew ordnati s-saqqijiet..."*;

Illi dan it-Tribunal jaghmel tieghu il-konkluzjonijiet tal-espert tekniku;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz u wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jichad it-talba tal-atturi Simon u Cynthia konjugi Abela u Jilqa' l-eccezzjonijiet ta' Mary Josephine Musu' ezercenti l-kummerc bhala Channel Trade Marketing, bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri inkluz tal-espert tekniku jinqassmu bin-nofs bejn il-partijiet.

Richard Sladden Av.
Arbitru